## DENOMINAZZJONIJIET HUMA MIDINBA #1

Ix-xitan għandu numru bla limitu ta' għodda għad-dispożizzjoni tiegħu għaliex hu m'għandu l-ebda limitazzjonijiet. Kollox huwa disponibbli għalih. Ix-xitan mhuwiex marbut bil-verità, onestà, veraċità (is-sewwa) jew fedeltà. It-triq tiegħu hija t-triq il-wiesa' (Mattew 7:13-14). Hu għandu numru bla limitu ta' toroq li hu jista' jivvjaġġa u hu jixtieq li l-irġiel kollha u n-nisa kollha matul l-istorja jivvjaġġaw fihom ukoll.

Waħda mill-għodda l-aktar effettivi fl-aħħar 500 sena hija s-sistema tad-denominazzjonaliżmu. Hu qiegħed jużaha għal vantaġġ kbir tiegħu biex jikkawża rġiel u nisa ħalli jitilfu ruħhom. Għalih ma jimpurtax jekk in-nies humiex reliġjużi sakemm huma reliġjożament ħażin. Huwa jħobb nies li huma sinċiera fit-twemmin tagħhom, nies li huma devoti għall-kawża tagħhom, għaliex hu jaf lis-sinċerità u d-devozzjoni mhumiex biżżejjed biex jogħġbu lil Alla. Il-VERITÀ għandha tkun magħhom.

Ġesù ddeskriva lix-xitan bħala giddieb u missier il-gideb fi Ġwanni 8:44. Meta x-xitan iwassal nies biex jemmnu l-gideb tiegħu, huwa jkun sodisfatt għaliex hu jaf li dan iweġġa' lil Alla. L-iskop kollu tiegħu huwa biex iweġġa' kemm jista' jkun lil Alla. Hu jitgħaxxaq f'li jikkawża erwieħ li jkunu kkundannati għal l-eternità għaliex huwa jaf li huma se jaqsmu miegħu fid-dar eterna tiegħu.

Waħda mill-aktar gidbiet effettivi li hu qatt qal hija li jikkonvinċi l-massa lid-denominazzjonaliżmu huwa mod qawwi u li jissodisfa biex taqdi lil Alla. Iżda l-verità hija, id-denominazzjonijiet huma awtorizzati mill-bnedmin, mhux minn Alla; u għalhekk ma jistgħux jogħġbu lil Alla. Alla mhuwiex moqdi minn u permezz ta' knejjes denominazzjonali. Alla huwa moqdi minn u permezz tal-knisja Tiegħu u l-knisja Tiegħu biss. Aħna naqraw:

a. **<u>Efesin 3:21</u>** – "[21]*Lilu tingħata l-glorja **fil-knisja**, bi Kristu Ġesù fiż-żminijiet kollha, għal dejjem ta' dejjem. Amen.*"

b. **<u>1 Pietru 2:5</u>** – "[5]*U intom ukoll, bħal ġebel ħaj, mibnijin **f'dar spiritwali,** saċerdozju qaddis biex toffru sagrifiċċji spiritwali, li jogħġbu 'l Alla permezz ta' Ġesù Kristu.*"

Dan juri li Alla hu moqdi "*f'dar spiritwali*" li hija l-knisja.

**Denominazzjonaliżmu huwa ħażin għaliex….**

## DENOMINAZZJONALIŻMU JFISSER DIVIŻJONI

Il-ħsieb innifsu u l-punt tad-denominazzjonaliżmu huwa li jkun maqsum. Nies jigglorifikaw id-diviżjoni. Huma jħaddu l-idea li nies għandhom l-għażla fir-reliġjon. Aħna rajna reklami fil-gazzetti li juru kemm hu sabiħ li nies jistgħu jkunu salvati u mbagħad jissieħbu fil-knisja ta' l-għażla tagħhom—bħallikieku Alla jagħti lin-nies għażla, li Hu ma jagħtix!

Billi l-kliem *denominazzjoni* u *denominazzjonaliżmu* ma jinstabux fil-Bibbja, dawn għandhom ikunu mfissra minn sorsi oħra. Ġisem denominazzjonali huwa mfisser bħala "*parti ta' sħiħ jew wieħed minn serje ta' unità.*" Webster jiddefinixxi denominazzjonaliżmu bħala "*devozzjoni għall-prinċipji denominazzjonali jew interessi. L-emfasizzar ta' differenzi denominazzjonali għal punt li tkun esklussiv b'marġini żgħir.*" "*Att li tiddenominazzjonalizza, valur jew*

*qies ta' serje ta' valuri jew qisien (bħal ta' flus), organizzazzjoni reliġjuża li l-kongregazzjonijiet tagħha huma maqgħqudin fiż-żamma tagħhom għat-twemmin u l-prattika tagħha.*

25 ċenteżmu ta' ewro hija denominazzjoni (parti) ta' ewro, imma mhux ewro sħiħ. Kull knisja denominazzjonali tistqarr li hija parti tas-sħiħ, imma mhux il-knisja kollha. Ħafna nies sinċiera u devoti huma nvoluti fid-denominazzjo-naliżmu. Huma qegħdin jippruvaw biex imorru l-Ġenna u jistennew li jmorru hemm *fi* u *permezz* ta' knisja denominazzjonali.

Mistoqsija l-aktar xierqa li wieħed jistaqsi hija: *huma l-knejjes denominazz-jonali kollha sempliċiment toroq differenti li tmur fil-Ġenna?* Le mhumiex. Il-Bibbja tgħallem lid-denominazzjonaliżmu huwa ħażin hu midneb. Il-kelma ta' Alla tikkundanna d-denominazzjonaliżmu, li huwa diviżjoni.

## DENOMINAZZJONALIŻMU JIKKUNDANNA T-TALBA TAL-MULEJ GĦAL L-GĦAQDA

Denominazzjonaliżmu jikkontradixxi t-talba tal-Mulej għal l-għaqda. Fil-lejl li fih Ġesù kien ittradut, Hu talab għal l-appostli Tiegħu, fejn qal: "[20]*Iżda mhux biss għalihom nitlob, iżda wkoll għal dawk li jemmnu fija minħabba kelmithom;* [21]***Biex ikunu lkoll ħaġa waħda; bħalma int, Missier, fija, u jiena fik, biex huma wkoll ikunu fina ħaġa waħda****: biex id-dinja temmen illi int bgħattni.* [22]*U l-glorja li tajtni tajthielhom;* ***biex ikunu ħaġa waħda, bħalma aħna wkoll ħaġa waħda****:* [23]*Jiena fihom, u inti fija;* ***biex ikunu pperfezzjonati f'ħaġa waħda****; u biex tagħraf id-dinja li inti bgħattni, u ħabbejthom, bħal ma ħabbejt lili*" (Ġwanni 17:20-23). Ukoll għall-knisja waħda biss denominazzjo-nali li teżisti, iġġib fix-xejn it-talba tal-Mulej għal l-għaqda. Din tkun qed tgħid, "Mulej, jiena ma jimpurtanix x'tgħid int jew xi trid int jew għal xhiex int tlabt. Jiena nħobb id-denominazzjonijiet u jiena sejjer nippromwovihom matul id-dinja kollha. Jiena kuntent lin-nies għandhom għażla. It-talba tiegħek hija antika u mhix popolari mal-qlub u x-xewqat tan-nies. Inti moħħok magħluq u bigotta." Għalkemm aħna ma nistgħux nimmaġinaw lil xi ħadd attwalment igħid dan il-kliem, dan huwa eżattament ċar kull darba li persuna ssir membru ta' denomi-nazzjoni jew titlob għall-denominazzjoni.

**Proverbji 6:19** igħid li Alla *jobgħod lil dawk li jqajjmu l-ġlied (nuqqas ta' qbil, ftehim, diviżjoni*). Imma dak huwa eżattament lid-denominazzjonijiet qegħdin jagħmlu. Huma jħaddu u jippromwovu d-diviżjoni.

Alla poġġa 'l quddiem **pjan f'ħames partijiet għal l-għaqd**a **fl-Ewwel Korintin 1:10**. Id-denominazzjonijiet dan ma jogħġobhomx, iżda madankollu, il-Kelma ta' Alla hija veru u kull bniedem li jikkontradixxiha huwa giddieb. Dan il-vers igħid: "[10]*Issa nitlobkom, ħuti, f'isem Sidna Ġesù Kristu, li* ***lkoll titkell-mu l-istess ħaġa****, u* ***li ma jkun hemm ebda firda bejnietkom; iżda li tkunu magħqudin għalenija, fehma waħda, u ħsieb wieħed.***" Għalhekk, il-pjan ta' Allaw huwa:

1. Aħna lkoll nitkellmu l-istess ħaġa,
2. Ma jkollna ebda firdiet fostna,
3. Inkunu magħqudin għalenija,
4. Ikollna l-istess ħsieb.

**Filippin 3:16** igħid, "*[16]Madankollu, ħa nimxu* ***bl-istess regola*** *u nħossu* ***l-istess ħaġa****, f'dak li diġa' wasalna.*"

Min se jiġi 'l quddiem u jgħidilna li Alla ma jafx dwar xhiex qiegħed jitkellem u li dan ma jistax isir?

Il-pjattaforma ta' Alla għall-għaqda reliġjuża f'**Efesin 4:4-6** taħdem għaliex hija l-pjan Tiegħu. It-test igħid,

a. "*[4]Hemm* ***ġisem wieħed****, u* ***Spirtu wieħed****, bħal ma kontu msejħin f'* ***tama waħda*** *tas-sejħa tagħkom;* ***[5]Mulej wieħed, fidi waħda, magħmudija waħda, [6]Alla wieħed u Missier kulħadd****, li hu fuq kulħadd, u f'kulħadd, u ġo fikom ilkoll.*"

Il-"ġisem wieħed" juri unità fl-*organizzazzjoni*. L-"Ispirtu wieħed" juri unità fil-*gwida*. It-"tama waħda" turi unità ta' *għan* jew *premju*. Il-"Mulej wieħed" juri unità fl-*awtorità*. Il-"fidi waħda" turi unità fil-*messaġġ*. Il-"magħmudija waħda" turi unità fil-*prattika*. L-"Alla wieħed" juri unità fil-*qima*. Il-pjan ta' Alla huwa UNITÀ, GĦAQDA KOMPLUTA.

## DENOMINAZZJONIJIET HUMA MIDINBA #2

## DENOMINAZZJONALIŻMU HUWA MIDNEB MINĦABBA L-ORIĠINI TIEGĦU

It-Testment il-Ġdid igħidilna ċar ħafna dwar tbegħid mill-fidi, il-Verità, l-Evanġelju. Ġol-knisja f'Tessalonika, xi wħud kienu qegħdin igħidu lir-ritorn tal-Mulej ikun dalwaqt. Iżda, b'ispirazzjoni, Pawlu kitbilhom biex igħid li dan ma jkunx dalwaqt. Ikun hemm tbegħid mill-Fidi (il-knisja, il-verità) li jiġi l-ewwel.

a. <u>**2 Tessalonikin 2:1-3**</u> – "*[1]Issa nitolbukom, l-aħwa, fuq il-miġja ta' Sidna Ġesù Kristu, u l-ġmigħ tagħna flimkien miegħu, [2]Li ma titqanqlux malajr f'moħħkom, jew titħawdu, la bl-ispirtu, la bil-kelma, u lanqas b'xi ittra, qishom ġejjin mingħandna bħalli-kieku jum il-Mulej wasal. [3]Tħallux 'il min iqarraq bikom, b'ebda mod: għaliex* ***jekk l-ewwel ma tiġix l-apostasija****, u jkun irrivelat il-bniedem li ma jħarisx il-liġi, bin it-telfien.*"

L-appostlu Pawlu rrivela l-istess ħaġa lil Timotju:

a. <u>**1 Timotju 4:1-3**</u> – "*[1]Issa l-Ispirtu jgħid fi kliem ċar, li fl-aħħar żminijiet* ***xi wħud jitilqu mill-fidi*** *u jagħtu widen għal spirti qarrieqa u għal tagħlim tad-demonji. [2]Li jgħidu ħaġa b'oħra bl-ipokresija; u li għandhom il-kuxjenza tagħhom im-markata b'ħadida mikwija; [3]Jikkundannaw iż-żwieġ, u ma jridux li jittiekel ikel li Alla ħalqu biex jittieħed b'radd-il ħajr minn dawk li ħaddnu l-fidi u li waslu għat-tagħrif sħiħ tal-verità.*"

It-tbegħid mill-Evanġelu veru u ttestjat (ippreżentat mill-appostli u rġiel ispirati oħra) kien diġa' beda maż-żmien lit-tieni ittra kienet miktuba lit-Tessalonika (2:7). Dan kompla gradwalment sakemm il-knisja marret f'apostasija kompluta. Mas-sena 606 W.K., is-sistema tal-Kattoliċiżmu xxerrdet b'papa bħala r-ras tagħha. Huma komplew biex joħonqu l-verità u jiddominaw il-"Kristjanità" għal sekli.

Meta d-dinja reliġjuża kienet ħierġa barra miż-"Żminijiet tad-Dlam," nies bdew jipprotestaw kontra l-knisja fl-apostasija. Huma fittxew biex jirriformaw

il-Kattoliċiżmu. Waqt li għamlu dan, huma bdew joħolqu settet reliġjużi ta' kull xorta. Spirtu denominazzjonali kompetittiv bħal dan xekkel bil-kbir il-predikar tal-Verità u s-salvazzjoni tal-mitlufa.

Kmieni fis-seklu sittax, Martin Luteru, qassis Kattoliku, beda jipprotesta dwar xi wħud mill-korruzzjonijiet li huwa osserva fil-Knisja Kattolika. Fl-1517, huwa poġġa lista ta' 95 problemi li hu ra fil-Kattoliċiżmu fuq bieb ta' knisja f'Wittenber, il-Ġermanja. Kontra l-parir tiegħu stess, is-segwaċi tiegħu bdew il-Knisja Luterana fl-1521 u b'hekk beda dak lid-dinja issa ssejjaħ ir-*Riforma Protestanta*. Sa minn dak iż-żmien, mijiet u mijiet ta' denominazzjonijiet kienu bdew bħala fergħa tas-sistema falza tal-Kattoliċiżmu. Kull waħda minnhom huma tal-bnedmin, mhux ta' Alla. Ġesù talab għal l-għaqda, unità. Il-bnedmin jitolbu għad-diviżjoni.

L-aħħar ktieb tat-Testment il-Ġdid kien miktub qabel l-għeluq ta' l-ewwel seklu. Ir-rivelazzjoni tar-rieda ta' Alla kienet kompluta, iżda ma hemm l-ebda knisja waħda denominazzjonali msemmija xi mkien fil-Bibbja.

Kull knisja li bdiet f'xi post barra minn *Ġerusalemm*, jew li kienet mibnija minn xi persuna barra minn *Kristu* jew f'xi żmien barra mis-sena *33 W.K.*, ma tistax tkun il-knisja ta' Kristu. Knejjes denominazzjonali ma jistgħux jittraċċjaw l-oriġini tagħhom għall-post it-tajjeb, il-persuna t-tajba jew iż-żmien it-tajjeb.

Lista bħala eżempju ta' xi denominazzjonijiet hija mogħitja fit-tabella fil-paġna li jmiss. Xi wħud mid-data huma ta' bejn wieħed u ieħor. Il-ħaġa prinċipali li wieħed għandu jinnota hija dawn iġibu **l-isem** il-ħażin, kienu bdew fiż-**żmien** il-ħażin, mill-**fundatur** il-ħażin, u fil-**post** il-ħażin.

Ħafna mid-denominazzjonijiet moderni li nisimgħu dwarhom illum, għal-kemm xi wħud minnhom mhumiex murija f'din il-lista, dawn ħarġu minn xi waħda minn dawk imsemmija fil-lista. Eżempju ta' dan, mill-Knisja Battista ħarġu bosta denominazzjonijiet oħra, ukoll dawk li jġibu l-istess isem tal-Knisja Battista. Jekk wieħed jara l-ktieb li jġib l-isem "Handbook of Denominations *in the United States*" ta' Frank S. Mead *Revised by* Samuel S. Hill, dan għandu jsib taħt "Baptist" lista sħiħa ta' fergħat oħra li ħarġu minnha. L-istess dan japplika għall-Knisja Kattolika, Avventista, u ħafna oħrajn.

F'Malta wkoll aħna nisimgħu dwar ħafna denominazzjonijiet li ħarġu mill-Knisja Battista imma li jġibu ismijiet differenti u li l-mexxejja tagħhom huma mexxejja f'diversi denominazzjonijiet bl-iskuża lid-denominazzjonijiet kollha huma l-knisja li waqqaf Sidna Ġesù Kristu. X'tiswa t-talba Tiegħu fi Ġwanni 17 biex ilkoll inkunu ħaġa waħda! Xi wħud mill-ismijiet ħallejthom bl-Ingliż ħalli ma jkunx hemm xi tibdil.

| KNISJA | IMWAQQFA | FUNDATUR | FEJN |
|---|---|---|---|
| Kattolika | 606 | Boniface III | Ruma |
| Luterana | 1521 | Martin Luther | Germanja |
| Mennoniti | 1525 | Menno Simons | Ewropa |
| Knisja ta' l-Ingilterra | 1534 | Re Enriku VIII | Ingilterra |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Presbiterjana | 1535 | John Calvin | Zvizzera |
| Battista | 1607 | John Smyth | Olanda |
| Quakers | 1666 | George Fox | Ingilterra |
| Amish | 1693 | Jacob Amman | Ewropa |
| Metodista | 1739 | John Wesley | Ingilterra |
| Kongregazzjonali | 1744 | John & Charles Wesley | Ingilterra |
| Aħwa (Brethren) | 1828 | John Darby | Ingilterra |
| Mormoni | 1830 | Joseph Smith | Amerika |
| Avventisti tas-Seba' Jum | 1843 | William Miller & Ellen G. White | Amerika |
| Salvation Army | 1860 | William Booth | Ingilterra |
| Xhieda ta' Jeħova | 1872 | Charles Taze Russel | Amerika |
| Christian Scientist | 1875 | Mary Baker Eddy | Amerika |
| Church of God | 1880 | D. S. Warner | Amerika |
| Nazzarenu | 1895 | P. F. Bresee | Amerika |
| Knisja Kristjana | 1906 | | Amerika |
| Holiness | 1907 | Howard Hoople | Amerika |
| Assembly of God | 1914 | | Amerika |
| World Wide Church of God | 1933 | Herbert W. Armstrong | Amerika |
| United Pentecostal | 1945 | | Amerika |
| Dixxipli ta' Kristu | 1959 | (mill-Christian Church) | Amerika |

U ħafna oħrajn!

Kristu wiegħed biss li jibni knisja WAĦDA (Mattew 16:18). Hu xtara l-knisja WAĦDA Tiegħu b'demmu stess (Atti 20:28; Efesin 5:25). Il-Bibbja tgħallem li hemm biss ġisem WIEĦED u dak il- ġisem WIEĦED huwa l-knisja (Efesin 4:4; Efesin 1:22-23; Efesin 5:23; Kolossin 1:18). Ġesù qal li jkun hemm merħla WAĦDA biss, li hija l-knisja Tiegħu (Ġwanni 10:16).

L-aktar knisja qadima fid-dinja hija l-**knisja ta' Kristu** li tagħha aħna membri. Il-fundatur tagħha huwa **Kristu** u bdiet f'**Ġerusalemm** fis-sena 33 W.K. Il-knisja ta' Kristu llum hija ggvernata mill-istess liġi u prattika l-istess dottrina kif kienet il-knisja ta' Kristu fl-ewwel seklu.

Il-Mulej ħabbar,

a. **<u>Mattew 15:13</u>** – "*…Kull xitla, li Missieri li hu fis-smewwiet ma ħawwlix, tinqala' mill-għeruq*"

b. **Salm 127:1** – "[1]*Jekk ma jkunx Jaħweh li jibni d-dar, jaħdmu għal xejn il-bennejja:...*"

Għaliex tkun membru ta' ġisem reliġjuż li ma oriġinax mal-Mulej u ma jistax jinstab fit-Testment il-Ġdid?

Fiż-żmien ta' l-appostli, Kristjani ma kinux jappartjenu għal denominazzjonijiet differenti. Kien hemm biss IL-KNISJA. Huma huma ma kinux membri ta' "din" id-denominazzjoni jew "dik" id-denominazzjoni. EBDA WAĦDA MA KIENET TEŻISTI! Meta persuna kienet tobdi l-Evanġelju hija kienet tkun miżjuda minn Alla fil-knisja ta' Kristu—l-unika waħda li kienet teżisti. Huma ma ssieħbux fil-knisja ta' l-għażla tagħhom.

Li kieku d-denominazzjonijiet eżistew bl-approvazzjoni ta' Alla, tista int timmaġina l-appostli jkunu membri tagħhom? Nistgħu aħna naċċettaw Pietru jkun Kattoliku Ruman, Pawlu Presbiterjan, Ġakbu – Luteran, Filippu Xhieda ta' Ġeħova, Tumas Pentekostali, Indri Avventist tas-Seba' Jum, Sila Kattoliku Ortodoss Grieg, Ġwanni – Battista, Bartilmew Born Again, Mattew Evanġeliku, Xmun Nazzarenu, Mattia Kristjadelfjan, Luqa Evanġeliku Trinità, Mark Mormon, Ġuda Moonie, Barnaba Buddist, Mattija Episkopali, Prokoru Mennonit, Nikanor Knisja Lhudija, Timon Kariżmatiku, Parmena Katakumenali, Nikola Neo-Katakumenali, Ġużeppi Leġjun ta' Marija, Marija Morovjana, Febi Spiritwalista, Priska Presbiterjana Riformata, Persi Aħwa Soċjali, Olimpja Salvation Army, Erma Assembly of God, Ġulja Anglikana, Felgon Schwenkfelder, Nerija Fokolari, Trifena Knisja ta' l-Ingilterra, Trofosa Kristjana Episkopali, Filologu Sijonista, Urbanu Kongregazzjonali, Androniku Spiritwali Progressiv, Asinkretu Presbiterjan Ortodoss, Rufu Knisja ta' Alla Pentekostali, Ġuda Iskarjota kien jaħseb li knisja waħda hija tajba daqs oħra, eċċ. Immaġina biss kif dawn kollha msemmija fuq u oħrajn, qegħdin jirredikolaw it-tagħlim tal-Mulej fi Ġwanni 17 quddiem dawk li ma jemmnux f'Alla!

L-appostli, lanqas xi Kristjan ieħor fit-Testment il-Ġdid, ma kinux membri ta' knejjes denominazzjonali. Huma kienu biss Kristjani, xejn aktar u xejn inqas. Huma ma kinux settarji. Huma ma kinux ċertu "xorta" ta' Kristjani. Denominazzjonijiet ma kinux jafu bihom. Diviżjoni bħal din kienet ikkundannata mill-bidu sat-tmiem.

Kieku denominazzjonijiet eżistew fl-ewwel seklu, allura għaliex aħna ma naqrawx dwarhom fit-Testment il-Ġdid? Jew, għaliex aħna ma naqrawx dwarhom fid-dokumenti mhux ispirati ta' dawk is-snin tal-bidu ta' l-istorja tal-knisja? Ir-raġuni hija sempliċi. Ebda waħda minnhom ma kienet teżisti!

Jista' xi mexxej ta' xi waħda minn dawk id-denominazzjonijiet kollha li jeżistu llum jistqarr dwar id-denominazzjoni li fiha huwa membru dak li jiena qiegħed nistqarr f'dan l-istudju dwar il-knisja li aħna naqraw dwarha fit-Testment il-Ġdid, il-knisja ta' Kristu u japplikaħ għad-denominazzjoni li fiha huwa membru? Żgur li le! Forsi ssib lil xi ħadd li jipprova jagħmel dan, imma naċċerta lil kulħadd li dan ma jstax jagħmlu. Fejn Kristu qal li Hu se jibni d-denominazzjoni Kattolika Rumana Tiegħu? Fejn Kristu qal li Hu se jibni d-denominazzjoni Battista Tiegħu? Fejn Kristu qal li Hu se jibni d-denominazzjoni Presbiterjana Tiegħu? Fejn Kristu qal li Hu se jibni d-denominazzjoni Born Again tiegħu? Fejn Kristu qal li Hu se jibni d-denominazzjoni Pentekostali Tiegħu? Fejn Kristu qal li Hu se jibni d-denominazzjoni Evanġelika Tiegħu? Fejn Kristu qal li Hu se jibni d-denominzzjoni Evanġelika

Trinità Tiegħu? Fejn Kristu qal li Hu se jibni d-denominazzjoni Xhieda ta' Ġeħova Tiegħu? Fejn Kristu qal li Hu se jibni d-denominazzjoni Knisja ta' l-Ingilterra Tiegħu? Fejn Kristu qal li Hu se jibni d-denominazzjoni Griega Ortodossa Tiegħu? U l-kumplament! Wieħed għandu jkollu kuraġġ kbir biex iwarrab it-tagħlim tal-bnedmin u jaċċetta biss dak li jgħidilan l-Mulej. Ejja nkunu sinċiera!

***Il-knisja ta' Kristu li tagħha aħna membri bdiet f'Ġerusalemm, fis-sena 33 W.K., fejn Ġesù huwa l-Fundatur tagħha.***

Wieħed għandu jistaqsi lilu nnifsu, *fejn* bdiet il-knisja li tagħha jiena membru? *Meta* din bdiet? *Min* kien il-fundatur tagħha? Sakemm din m'għandiex l-istess marki ta' identità bħall-knisja tat-Testment il-Ġdid, din mhijiex il-knisja ta' Kristu. ***Ftakar, meta aħna ngħidu l-knisja ta' Kristu aħna nfissru biss li hija l-knisja Tiegħu u mhux titlu*** kif jippruvaw xi wħud japplikaw dan mal-membri tagħhom. Il-knisja li tagħha jiena membru m'għandha l-ebda isem denominazzjonali, Ġesù qal, "il-knisja **TIEGĦI**" (Mattew 16:18). Il-knisja ta' min hi? Hija l-knisja ta' Kristu. Taqbel int ma' dan? Tħallix lil min jingannak!

Meta Ġesù jerġa' jiġi, Hu jsalva lill-ġisem *Tiegħu* (il-knisja) u ebda knisja oħra (Efesin 5:23). Dawk biss li huma membri fidili tagħha jkunu salvati (Mattew 10:22; Rivelazzjoni 2:10). L-oħrajn kollha jkunu ttrattati bħala "ħallelin" (Ġwanni 10:1) li naturalment, ma jmorrux il-Ġenna.

## DENOMINAZZJONIJIET HUMA MIDINBA #3

## DENOMINAZZJONALIŻMU HUWA MIDNEB MINĦABBA L-ISMIJIET TIEGĦU TA' PARTITI

Prattikament il-knejjes denominazzjonali kollha huma msemmija wara bniedem, (eż. Luteru), forma ta' gvern, dottrina (eż. metodist), (eż. evanġeliku) prattika jew filosofija (eż. xjenza. Eċċ.), pajjiż, (eż. Kattolika Rumana; ta' l-Ingilterra, Skozja, eċċ.). It-termini kollha fil-Bibbja li jirreferu għall-knisja tal-Mulej jagħtu unur u glorja lil Alla u lil Kristu. L-isem li aħna nilbsu reliġjożament huwa importanti għaliex is-salvazzjoni hija fl-isem ta' Kristu (Atti 4:12). Nies ta' l-ewwel seklu onoraw lil Kristu billi kienu jilbsu l-isem Kristjan:

a. __Atti 11:26__ – "[26]*U meta sabu, ġiebu Antijokja, U ġara, li għaddew sena sħiħa flimkien fil-knisja, u għallmu kotra kbira ta' nies. Kien f'Antijokja li d-dixxipli għal l-ewwel darba sejħulhom '****Kristjani****.'*"

b. __Atti 26:28__ – "[27]*Ja sultan Agrippa, temmen fil-profeti? Jien naf li temmen.* [28]*Imbagħad Agrippa qal 'il Pawlu: Ftit jonqsok biex tipperswadini u tagħmilni* ***Kristjan****.*"

c. __1 Pietru 4:16__ – "[16]*Imma jekk wieħed isofri għax hu* ***Kristjan****, m'għandux imniex jistħi; ħa jfaħħar lil Alla b'dan l-isem.*"

Ma kien hemm ebda Kristjani b'tagħqid ta' kliem ma' l-isem Kristjan, per eżempju, Kristjan Battista, Kristjan Evanġeliku, Kristjan Born again, Kristjan Pentekostali, Kristjan Kattoliku Ruman, eċċ. Jekk xi ħadd minn dawn id-denominazzjonijiet kollha li jeżistu llum jippretendi li l-isem tagħhom jinsab fit-Testment il-Gdid, jurina fejn dan jinsab! Li żżid isem uman ma' dak Divin huwa dnub kbir! Fl-ewwel seklu kienu jissejħu biss "***Kristjani.***"

Aħna nonoraw lil Kristu meta nilbsu l-isem Tiegħu, u Tiegħu biss mingħajr ebda taħlit ma' xi isem ieħor, ikun xi jkun! L-appostlu Pawlu uża l-analoġija ta' raġel u martu biex juri r-relazzjoni ta' Kristu u l-knisja Tiegħu. Hu jgħid hekk:

a. Efesin 5:22-25 – "[22]*Nisa, issottomettu ruħkom għal żwieġkom, qiskom għall-Mulej.* [23]*Għax ir-raġel hu ras martu,* ***bħalma Kristu hu ras il-knisja****: u hu s-salvatur tal-ġisem.* [24]*Mela* ***bħalma l-knisja*** *hi suġġetta għal Kristu, ħa jkunu hekk in-nisa għal żwiegħom f'kollox.* [25]*Intom irġiel, ħobbu n-nisa tagħkom,* ***bħalma Kristu*** *ħabb ukoll lill-knisja, u ta lilu nnifsu għaliha.*"

Il-Kristjani huma miżżewġin lil Kristu u għandhom jonorawh billi jilbsu Ismu l-istess kif marti tonorani billi tilbes kunjomi. Pawlu jgħid,

a. Rumani 7:4 – "[4]*Hekk intom, ħuti, mittu għal-liġi* ***permezz tal-ġisem ta' Kristu, biex intom tkunu ta' ħaddieħor****, jiġifieri, ta' dak li kien imqajjem mill-imwiet, sabiex nagħmlu l-frott għal Alla.*"

b. Atti 20:28 – "[28]*Ħudu ħsieb tagħkom infuskom u tal-merħla kollha li l-Ispirtu s-Santu għamilkom għassiesa tagħha biex tirgħu* ***l-knisja ta' Alla li hu xtara b'demmu stess****.*"

L-affarijiet li jżommu lin-nies milli jġibu isem tal-Bibbja huma preġudizzju u lealtà lejn knisja denominazzjonali. Li kienu jġibu ismijiet differenti kkawża diviżjoni fil-knisja f'Korintu u jkompli biex jikkawża diviżjoni reliġjuża llum.

a. 1 Korintin 1:10-15 – "[11]*Għax għarrfuni fuqkom, ħuti, dawk tad-dar ta' Kloe, li* ***hemm il-ġlied bejnietkom****.* [12]*Issa dan ngħid,* ***li kull wieħed minnkom igħid: Jien ta' Pawlu; u jien ta' Apollo; u jien ta' Kefa; u jien ta' Kristu.*** [13]***Jaqaw Kristu mifrud?*** *Jaqaw Pawlu kien imsallab għalikom? Jew f'isem Pawlu kontu mgħammdin?* [14]*Niżżiħajr 'l Alla li ma għammidt lil ħadd minnkom, ħlief 'il Krispus u 'l Kajus;* [15]*Biex ħadd ma jgħid li jien għammidt f'ismi.*"

b. 1 Korintin 3:1-5 – "[1]*U jien, ħuti, ma stajtx inkellimkom bħala bnedmin spiritwali, imma bħala tal-laħam, bħala trabi fi Kristu.* [2]*Sqejtkom il-ħalib, u mhux ikel; għax kontu għadkom ma tifilħux għalih; u lanqas issa għadkom ma tifilħu.* [3]*Għax għadkom tal-laħam: għax jekk fostkom hemm il-għira, u l-ġlied,* ***u l-firda, mintomx intom tal-laħam, u timxu ta' bnedmin?*** [4]***Għax meta wieħed igħid: Jien ta' Pawlu; u ieħor: Jien ta' Appolo, mintomx tal-laħam?*** [5]*Min hu Pawlu, u min hu Apollo, ħlief ministri li bihom emmintu; bħalma wkoll il-Mulej ta lil kull bniedem?*"

Ħarsa fil-paġni sofor f'kull direttorju tat-telefon turi bosta ismijiet ta' kull xorta u immaġinaszzjoni. Ismijiet li jogħġbu lill-bnedmin jinsabu minn "A" sa "Z." Aħna nsibu d-denominazzjonijiet l-aktar magħrufa bħal: Battisti, Metodisti, Kattoliċi, Luterani, Presbiterjani, Xhieda ta' Ġeħova, Mormoni, u Worldwide Church of God', u oħrajn li mhumiex daqshekk magħrufa bħal Nazzarenu, Episkopali, Kommunità u Evanġelika. Hemm "Ħajja Abbundanti" din u dik, "Appostolika" hawn u hemm, "Kalvarju," "Ħajja Kristjana" ??? "Evanġelika Trinità" ??? u l-kumplament! Hemm ukoll fil-paġni sofor tagħna, l-Evanġelical Church of Germany ????

Għalilex dawn kollha mhumiex lesti li jkunu Skritturali u jilbsu biss isem jew titlu li jinsab fit-Testment il-Ġdid? Meta nagħmlu hekk, aħna nkunu nafu li

qegħdin naġixxu fuq l-awtorità ta' Alla. Aħna nkunu nistgħu nuru għall-ktieb, kapitlu u vers u d-dinja kollha tkun tista' taqraha għalihom infushom. Dan juri li aħna m'aħniex qegħdin naġixxu fuq l-awtorità tagħna jew l-awtorità ta' bniedem jew organizzazzjoni. Aħna għandna "hekk igħid il-Mulej" għal dak li qegħdin nagħmlu fl-isem tal-Mulej kif jitlob Kolossin 3:17,

a. <u>Kolossin 3:17</u> – "[17]*Kull ma tagħmlu jew tgħidu, **agħmlu kollox f'isem il-Mulej Ġesù**, u roddu ħajr lil Alla l-Missier permezz tiegħu.*"

Dan ifisser li dak kollu li nagħmlu u ngħidu nagħmluh u ngħiduh bl-awtorità tal-Mulej Ġesù.

Jekk jiena ngħid li jiena membru fil-knisja Battista, Kattolika Rumana, Evanġelika, Pentekostali, Xhieda ta' Ġeħova, jew xi waħda minn dawk d-denominazzjonijiet li huma msemmija aktar 'il fuq, inkun jien qiegħed ngħid dan f'isem iil-Mulej Ġesù? Żgur li le! Billi l-knisja ta' Kristu kienet imwaqqfa f'Atti kapitlu tnejn, aħna għandna nibdew minn hemm u naraw b'liema isem(ijiet) kienet imsejħa l-knisja jew kif kien irreferut għall-knsija matul it-Testment il-Ġdid.

Il-lista ta' taħt turi kull dehra tal-kelma *knisja* meta hija wżata f'rigward il-ġisem tal-Mulej, is-salvi. Kull wieħed jista' jara għalih/a innifsu kif Alla jitkellem dwar il-knisja, il-ġisem tal-Mulej mixtri bid-demm.

**Knisja** — Il-knisja ta' l-ewwel seklu ma kinetx kull "xorta" ta' knisja. Din kienet biss il-*knisja* u din hija l-kelma li hija l-aktar ta' spiss użata. Hija wżata biex tirreferi għall-knisja inġenerali jew f'lokal speċifiku bħal il-knisja f'Ġerusalemm, Antijokja, eċċ. Ebda deskrizzjoni oħra ma hija mogħtija minn sempliċiment il-kelma *knisja*. Dan l-użu tal-kelma *knisja* jinsab fi: Atti 2:47; 5:11; 8:1,3; 9:31; 11:22,26; 12:1,5; 13:1; 14:23,27; 15:3,4,22,41; 16:5; 18:22; 20:17; Rumani 16:1,4,5; 16:23; 1 Korintin 4:17; 6:4; 7:17; 11:18; 12:28; 14:4,5, 12, 19,23,28,33,34,35; 16:1,19; 2 Korintin 8:1,18,19,23,24; 11:8,28; 12:13; Galatin 1:2, 22; Efesin 1:22; 3:10,21; 5:23,24,25,27,29,32; Filippin 3:6; 4:15; Kolossin 1:18,24; 4:15,16; 1 Tessalonikin 1:1; 2 Tessalonikin 1:1; 1 Timotju 5:16; Filemon 1:2; Lhud 2:12; Ġakbu 5:14; 1 Pietru 5:13; 3 Ġwanni 1:6,9,10; Rivelazzjoni 1:4,11,20; 2:1,7,8,11,12,17,18,23,29; 3:1,6,7,13,14,22,16; 22:16.

**Knisja ta' Alla** — It-tieni l-aktar titlu msemmi huwa "il-knisja ta' Alla." Dawn il-passaġġi jinsabu fi: Atti 20:28 (jirreferi għal Kristu bħala Alla); 1 Korintin 1:2; 10:32; 11:16,22; 15:9; 2 Korintin 1:1; Galatin 1:13; 1 Tessalonikin 2:14; 2 Tessalonikin 1:4 u 1 Timotju 3:5. Jintqal ukoll dwarha bħala l-**Knisja ta' Alla l-Ħaj** fl-1 Timotju 3:15.

**Il-knisja ta' l-ulied il-kbar**, — Lhud 12:23. Dawk li huma "mwielda millġdid" permezz ta' l-ilmijiet tal-magħmudija u t-tagħlim ta' l-Ispirtu s-Santu (Ġwanni 3:3-5), isiru membri tal-knisja ta' l-ulied il-kbar.

**Knisja ta' Kristu** — Kongregazzjoniet lokali, huma fejn huma, huma msejħa kollettivament bħala *knejjes ta' Kristu* f'Rumani 16:16.

Jiena smajt (u kien intqal lili personali) li xi wħud jistqarru li l-isem jew it-titlu "knisja ta' Kristu" ma jinstabx fit-Testment il-Ġdid u saħansitra xi drabi huwa offrut premju lil xi ħadd li jista' jsibu. L-isem "knisja ta' Kristu" ma jinstabx fis-singular, imma dan jinstab fil-plural f'Rumani 16:16. Jiena nistaqsi lil dawk li jippruvaw iqarrqu lil xi wħud, u jirnexxielhom, billi jgħidu li l-isem jew

it-titlu "knisja ta' Kristu" ma jinstabx fit-Testment il-Ġdid jekk huwiex possibbli li jkollok "knejjes ta' Kristu" (plural) mingħajr ma jkollok knejjes ta' Kristu individwali (singular)? Fejn hija s-sinċerità f'dawk li jgħidu dan il-kliem? Jekk jiena għandi borża mimlija bajd u ndaħħal idi fiha u noħroġ waħda, xi jkolli f'idi? Ma jkollix tuffieħa f'idi. Xi jkolli? Jiena jkolli *bajda*! Bajda waħda. Huwa impossibbli li jkollok bajd (plural) sakemm aħna l-ewwel ikollna bajd individwali (singulari). Kull bajda hija bajda waħda. Hekk ukoll, huwa impossibbli li jkollok knejjes ta' Kristu (plural) sakemm int l-ewwel ma jkollox "knisja ta' kristu." Din mhix il-knisja ta' xi bniedem. Din hija l-knisja tal-Mulej, il-knisja ta' Kristu.

Kristu qal lil Pietru: "*Fuq din il-blata nibni* ***l-knisja tiegħi***" (Mattew 16:18). Ta' min hija l-knisja? Wieħed għandu jkun sinċier u ma jippruvax iqarraq b'ħadd u jwieġeb sewwa. Inkun qiegħed inqarraq b'xi ħadd jekk jiena nwieġeb: il-knisja ta' Kristu? Kristu qal: il-knisja tiegħi. Jien ma nistax inwieġeb billi ngħid: il-knisja tiegħi għaliex il-knisja mhix tieghi imma ta' Kristu, mela l-kelma tiegħi f'dak li qal Kristu toqgħod minflok "Kristu" u għalhekk hija l-knisja twa' Kristu. Mhux ta' b'xejn li l-kelma ta' Alla tgxħidilna biex ma nħallu lil ħadd iqarraq bina:

a. **<u>Efesin 5:6</u>** – "[6]*Tħallu lil ħadd iqarraq bikom bi kliem fieragħ, għaliex minħabba f'dawn il-ħwejjeġ tiġi l-korla ta' Alla fuq ulied id-diżubbidjenza.*"

Aħna naqraw dwar "il-knisja" f'Ġerusalemm, Antijokja, Korintu, eċċ. Il-knisja ta' min hi? Hija l-knisja ta' Satana? Le. Hija l-knisja ta' Ċesri? Le. Ta' min hi? Hija l-knisja ta' Kristu? Hija l-knisja Tiegħu. Hu xtraha u ħallas għaliha b'demmu stess. Hija tappartjenti Lilu. Mela għalfejn ma jippruvawx ikunu sinċiera dawk li jgħidu l-"knisja ta' Kristu" ma tistax issibha fit-Testment il-Ġdid, u ma jkomplux iqarrqu b'dawk li jixtiequ li jkunu jafu l-verità! Li titkellem dwar il-"knisja tal-Mulej" huwa l-istesss bħallikieku titkellem dwqar il-"knisja ta' Kristu" jew il-"knisja ta' Alla" jew il-"knisja ta' l-ulied il-kbar." Li tgħid waħda huwa li tgħid l-oħra. Ma hemm ebda differenza jew distinzjoni bejnhom. Madankollu, wieħed jista' jsib illum knisja li ġġib wieħed minn dawn l-ismijiet, imma dak ma jfissirx li din għandha l-approvazzjoni tal-Mulej. L-isem huwa essenzjali, imma hemm aktar involut f'lo togħġob lill-Mulej minnli sempliċiment tilbes Ismu. Knisja għandha toqgħod għal DAK KOLLU li l-Mulej jeħtieġ. Knisja għandha tobdi r-Rieda tal-Mulej:

a. **<u>Mattew 7:21-23</u>** – "[21]*Mhux kull min igħidli: Mulej, Mulej, jidħol fis-saltna tas-smewwiet: imma* ***dak li jagħmel*** *ir-rieda ta' Missieri li hu fis-smewwiet.* [22]*Ħafna jgħiduli f'dak il-jum: Mulej, Mulej, ma ħabbarniex f'ismek? U f'ismek keċċejna d-demonji? U f'ismek għamilna ħafna għeġubijiet?* [23]*U mbagħad nistqarrilhom: Jiena qatt ma kont nafkom; tbiegħdu minni, intom li tagħmlu l-ħażen.*"

## DENOMINAZZJONALIŻMU HUWA MIDNEB MINĦABBA N-NUQQAS TIEGĦU TA' AWTORITÀ BIBLIKA

**<u>Kolossin 3:17</u>** – "[17]*Kull ma tagħmlu jew tgħidu, agħmlu kollox f'isem il-Mulej Ġesù, u roddu ħajr lil Alla l-Missier permezz tiegħu.*

Dan il-vers jitlob li aħna jkollna l-awtorità (sanzjoni) mill-Bibbja għal kulma NGĦIDU u NAGĦMLU. Awtorità tal-Bibbja hija importanti għaliex id-dinja reliġjuża ma tistax tingħaqad sakemm aħna lkoll inkunu nistgħu naslu biex naċċettaw l-istess awtorità (l-istess qies.) Ma jidhirx stramb li aħna nisgħtu naqblu fuq pożizzjiet u qisien, imma ma nistgħux naqblu reliġjożament?

Knejjes denominazzjonali jistqarru li jemmnu l-Bibbja, madankollu, huma għandhom kredijiet, katekiżmi, manwali u dixxiplini biex jiggvernaw dak li huma jemmnu, igħallmu u jipprattikaw. Membri ta' knejjes denominazzjonali, f'ħafna każi, mhumiex konxji li huma għandhom joqgħodu għal ċertu kredu.

Membri ta' knejjes denominazzjonali huma spiss aktar offenduti jekk inti tikkritika l-kredu (tagħim) tagħhom milli jkunu jekk inti tikkritika l-Bibbja tagħhom. Dan aħna nistgħu narawh fostna f'Malta. Ma jurix dan fejn qiegħda l-lealtà tagħhom? Alla huwa s-sors aħħari ta' l-awtorità fir-reliġjon u ta l-awtorità kollhaq fis-sema u fuq l-art lil Ġesù Kristu (Mattew 28:18). Alla jkun ikellimna permezz ta' Ibnu, Ġesù 'l Kristu (Lhud 1:1-2; Ġwanni 12:48-50). Jekk aħna nonqsu li nisimgħu u nwieġbu għal Ġesù, aħna nkunu meqrudin:

a. __Mattew 7:26-29__ – "[26]*Imma* ***kull min jisma' dan kliemi u ma jagħmlix li qiegħed ingħid jien****, isir jixbaħ lil bniedem iblah, li bena daru fuq ir-ramel.* [27]*U niżlet ix-xita, u ġew il-widien, u nefħu l-irjieħ, u ħabtu fuq dik id-dar;* ***u waqgħet: u kbira kienet il-waqgħa tagħha****.* [28]*U ġara, meta Ġesù spiċċa dal-kliem, illi n-nies stagħġbu bit-tagħlim tiegħu.* [29]*Għax hu kien igħallimhom bħal* ***wieħed li għandu l-awtorità****, u mhux bħall-iskribi.*"

b. __Mattew 17:1-5__ – "[1]*U wara sitt ijiem Ġesù ħa miegħu 'l Pietru, u 'l Ġakbu, u 'l ħuh Ġwanni, u tellagħhom fuq muntanja għolja weħidhom.* [2]*U tbiddel quddiemhom: u idda wiċċu bħax-xemx: u lbiesu saru bojod bħad-dawl.* [3]*U, ara, hemm dehrulhom Mosè u Elija jitkellmu miegħu.* [4]*Imbagħad wieġeb Pietru, u qal lil Ġesù: Mulej, tajjeb għalina li nkunu hawn: jekk trid, ħa nagħmlu hawn tliet tined; waħda għalik, waħda għal Mosè, u waħda għal Elija.* [5]*Fil-waqt li kien għadu jitkellem, ara, sħaba tiddi għattiethom: u, ara, ġie leħen mis-sħaba, li qal: Dan hu Ibni l-għażiż, li bih nitgħaxxaq;* ***isimgħu lilu****.*"

c. __Atti 3:22-23__ – "[22]*Għax Mosè tassew qal lill-missirijiet: Il-Mulej Alla tagħkom iqajmilkom profeta minn ħutkom, bħali;* ***isimgħuh f'kulma jgħidilkom****.* [23]*U jiġri, li kull ruħ, li ma tismax lil dak il-profeta, tinqered minn fost il-poplu.*"

Il-Bibbja tgħallem li aħna sejrin inkunu ġĠudikati perm4ezz tal-kliem ta' Kristu:

a. __Ġwanni 12:48__ – "[48]*Min iwarrabni, u ma jilqax kliemi, għandu wieħed li jagħmel ġudizzju minnu:* ***il-kliem li jiena għidt, dan jagħmel ġudizzju minnu*** *fl-aħħar jum.*"

b. __Rivelazzjoni 20:12__ – "[12]*U rajt il-mejtin, kbar u żgħar, weqfin quddiem Alla; u nfetħu l-kotba: u nfetaħ ktieb ieħor, li hu* ***l-ktieb tal-ħajja****: u* ***kienu ġġudikati l-mejtin fuq dawk il-ħwejjeġ li kienu miktubin fil-kotba, skond l-opri tagħhom****.*"

L-attitudni li aħna nuru lejn il-Kelma hija l-attitudni li aħna nuru lejn Kristu għaliex dawn huma magħqudin flimkien f'mod inseparabbli. Aħna nuru r-rispett tagħna għal l-awtorità ta' Kristu biss meta aħna nirripettaw u nobdu l-Kelma Tiegħu. X'rispett jista' jkun hemm lejn il-Kelma Tiegħu meta, bħala eżempju ċar, denominazzjonijiet ibiddlu dak li ordna l-Mulej biex igħallmu t-tagħlim falz tagħhom, eżempju, Ġesù ordna biex aħna nxandu li: "***Min jemmen u jitgħammed****, isalva, iżda min ma jemminx ikun ikkundannat.*" (Mark 16:16). Il-Knisja Kattolika Rumana ħadet l-awtorità f'idejha u dan il-kliem biddlitu u tgħallem li, "***Min ikun mgħammed isalva u jemmen****, iżda min ma jemminx ikun ikkundannat*" skond it-tagħlim tagħha tal-magħmudija tat-trabi. Denominazzjonijiet oħra jgħallmu li, "***Min jemmen isalva u jitgħammed,*** *iżda min ma jemminx ikun ikkundannat*" skond it-tagħlim tagħhom ta' salvazzjoni bil-fidi biss. Imma l-Mulej qal li, "***Min jemmen u jitgħammed isalva,*** *iżda min ma jemminx ikun ikkundannat.*" Nistaqsi jien, b'liema awtorità dawn id-denominazzjonijiet qegħdin igħallmu dak it-tagħlim fatali? Il-Mulej igħid li "***il-kliem li jiena għidt,*** *dan jagħmel ġudizzju minnu fl-aħħar jum.*" Huwa "***Min ikun mgħammed isalva u jemmen…***" il-kliem li l-Mulej qal? Żgur li le! Mela għaliex taċċettah u tipprattikah? Huwa "***Min jemmen isalva u jitgħammed****…*" il-kliem li l-Mulej qal? Żgur li le! Mela għaliex taċċettah u tipprattikah? Tippreferi ibnt li tobdi lil bnedmin aktar milli tobdi lill-Mulej? (Atti 4:19; 5:29). Dan huwa eżempju wieħed biss li huwa l-aktar ċar li llum huma ħafna niex sinċiera li qegħdin maqbuda f'dak it-tagħlim fatali! U ħaġa' l-iskantament, meta titkellem magħhom u tgħidilhom dwar l-iżball tagħhom, huma jippruvaw jiddefendu dak it-tagħlim falz u mhux dak li l-Mulej qal bl-aktar kliem ċar! X'temmen int u x'tgħallem li "***Min ikun mgħammed isalva u jemmen****, iżda min ma jemminx ikun ikkundannat*"? Li "***Min jemmen isalva u jitgħammed,*** *iżda min ma jemminx ikun ikkundannat*" Jew li "***Min jemmen u jitgħammed isalva****, iżda min ma jemminx ikun ikkundannat.*"? Sempliċi!

Ma jagħmel l-ebda sens li tkun membru ta' xi ħaġa reliġjuża li m'għandix awtorità skritturali għal dak kollu li aħna nagħmlu reliġjożament.

## DENOMINAZZJONIJIET HUMA MIDINBA #4

## DENOMINAZZJONALIŻMU HUWA MIDNEB MINĦABBA D-DOTTRINA TIEGĦU

It-tabella ta' taħt hija kuntrast fil-qosor bejn id-denominazzjonaliżmu u l-Kristjaneżmu mhux denominazzjonali—il-knisja ta' Kristu.

| DENOMINAZZJONALIŻMU | KNISJA TA' KRISTU |
|---|---|
| Ħafna iġsma jew knejjes | Ġisem wieħed, knisja waħda (Matt. 16:18; 1 Kor. 12:20) |
| Fundaturi bnedmin | Fundatur Kristu (Matt. |

| | |
|---|---|
| | 16:18) |
| Kapijiet (Ras) umani | Kristu r-Ras (Efesin 1:22-23) |
| Kredijiet umani | Il-Bibbja bħala l-uniku kredu (2 Tim. 3:16-17; 2 Pietru 1:3) |
| Iġibu ismijiet umani | Iġġib l-Isem ta’ Kristu (1 Pietru 4:16) |
| Jimxu wara l-bnedmin | Li timxi wara l-bned-min huwa kkundannat (1 Kor. 1:10-13) |
| Sħubija f’denominazzjonijiet mhix meħtieġa | Sħubija fil-knisja ta’ Kristu hija meħtieġa (Efesin 5:23) |
| Jippridkaw ħafna evanġelji | Evanġelju wieħed (Gal. 1:6-9) |
| Jiktbu mill-ġdid kredijiet kull ftit tas-snin | Il-Bibbja tibqa’ l-istess (Matt. 24:35; Ġuda 3) |
| ħafna fidijiet | “Fidi waħda” (Efesin 4:5) |
| Aktar minn magħmudija waħda | “Magħmudija waħda” (Efesin 4:5) |
| Jissieħbu fil-knisja | Il-Mulej iżid fil-knisja (Acts 2:47) |
| Jgħammru fil-fergħat tad-denominazzjonijiet | Jagħmmru fi Kristu, il-veru dielja (Ġwanni 15:1-6) |
| Jimxu b’regoli differenti | Jimxu bl-istess regola (Filippin 3:6) |
| Jirringrazzjaw lil Alla fit-talb għal ħafna knejjes | Kristu talab biex ilkoll inkunu ħaġa waħda |

| | |
|---|---|
| | (Ġwanni 17:20-21) |

Nies li joqgħodu f'riġlejn predikaturi denominazzjonali jintqal lilhom biex "jirċievu lil Kristu bħala s-Salvatur personali tagħhom" jew jitolbu "t-talba tal-midenb" sabiex ikunu salvati. Imma l-Bibbja tgħid li dawk li jirċievu lil Kristu mhumiex ulied Alla, imma huma mogħtija s-setgħa BIEX ISIRU wlied Alla:

a. **<u>Ġwanni 1:12</u>** – "[12]*Imma lil dawk li laqgħuh tahom is-setgħa* ***li jsiru*** *wlied Alla, dawk li jemmnu f'ismu.*"

Persuna hija salvata mid-dnub biss meta hija:

1. **TEMMEN f'Ġesù:**
   a. **<u>Lhud 11:6</u>** – "[6]*Imma mingħajr fidi ma jistax ikun li wieħed jogħġob lilu; għax min jiġi għand Alla* ***jeħtieġ li jemmen*** *li Alla hu, u li hu jagħti l-ħlas xieraq lil dawk li jfittxuh.*"
   b. **<u>Ġwanni 8:24</u>** – "[24]*Għalhekk għedtilkom, li tmutu fi dnubietkom: għax* ***jekk ma temmnux*** *li jiena hu, tmutu fi dnubietkom.*"
2. **TINDEM minn dnubietha:**
   a. **<u>Luqa 24:46</u>** – "[47]*U li* ***l-indiema għall-maħfra tad-dnubiet*** *tixxandar f'ismu fost il-ġnus kollha, ibda minn Ġerusalemm.*"
   b. **<u>Atti 2:38</u>** – "[38]*U Pietru weġibhom:* ***Indmu****, u jitgħammed kull wieħed minnkom fl-isem ta' Ġesù Kristu għall-maħfra ta' dnubietkom; u intom tirċievu d-don ta' l-Ispirtu s-Santu.*"
   c. **<u>Atti 17:30</u>** – "[30]*Alla għalaq għajnejh sakemm il-bnedmin kienu għadhom fl-injuranza; issa għarrafhom li* ***kulħadd għandu jindem****, hu fejn hu.*"
3. **TISTQARR lil Kristu quddiem il-bnedmin:**
   a. **<u>Mattew 10:32-33</u>** – "[32]***Kull min mela jistqarrni*** *quddiem il-bnedmin, lilu nistqarru wkoll quddiem Missieri li hu fis-smewwiet.* [33]*Iżda kull min jiċħadni quddiem il-bnedmin, lilu niċħad jien ukoll quddiem Missieri li hu fis-smewwiet.*"
   b. **<u>Atti 8:37</u>** – "[37]*U Filippu qal: Jekk temmen b'qalbek kollha, tista'. U wieġeb, u qal:* ***Nemmen li Ġesù Kristu hu Bin Alla****.*"
   c. **<u>Rumani 10:10</u>** – "[10]*Wieħed jemmen f'qalbu biex ikollu l-ġustizzja u* ***jistqarr b'xofftejh biex ikollu s-salvazzjoni****.*"
4. **TITGĦAMMED fl-ilma għall-maħfra tad-dnubiet:**
   a. **<u>Mattew 28:19</u>** – "[19]*Morru mela, u agħmlu dixxipli mill-ġnus kollha,* ***u għammduhom*** *fl-Isem tal-Missier u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu.*"
   b. **<u>Mark 16:15-16</u>** – "[15]*U qalilhom: Morru fid-dinja kollha, xandru l-bxara t-tajba lill-ħolqien kollu.* [16]*Min jemmen* ***u jitgħammed****, ikun salvat; iżda min ma jemminx ikun ikkundannat.*"

c. **Atti 2:37-38** – "[37]*Issa meta semgħu dan, tniggżu f'qalbhom, u qalu 'l Pietru, u lill-bqija ta' l-appostli: Irġiel u aħwa, x'għandna nagħmlu?* [38]*U Pietru weġibhom: Indmu,* ***u jitgħammed*** *kull wieħed minnkom fl-isem ta' Ġesù Kristu* ***għall-maħfra ta' dnubietkom****; u intom tirċievu d-don ta' l-Ispirtu s-Santu.*"

d. **Atti 22:16** – "[16]*U issa x'inti qiegħed tistenna? Qum,* ***u tgħammed, u aħsel dnubietek****, billi ssejjaħ isem il-Mulej.*"

e. **Atti 8:36-39** – "[36]*U huma u sejrin fit-triq, ġew fejn kien hemm* ***l-ilma****: u qal l-ewnuku: Ara,* ***hawn l-ilma; x'inhu li jżommni li ma nitgħammidx?*** [37]*U Filippu qal: Jekk temmen b'qalbek kollha, tista'. U wieġeb, u qal: Nemmen li Ġesù Kristu hu Bin Alla.* [38]*U waqqaf il-karru: u* ***niżlu t-tnejn fl-ilma, sew Filippu u kemm l-ewnuku; u għammdu.*** [39]***U meta telgħu mill-ilma****, l-Ispirtu tal-Mulej ħataf lil Filippu, hekk li l-ewnuku ma rahx aktar: u baqa' sejjer ferħan għal triqtu.*"

f. **Rumani 6:3-8** – "[3]*Ma tafux, li ħafna minna li konna* ***mgħammdin f'Ġesù Kristu, konna mgħammdin fil-mewt tiegħu****?* [4]*Għalhekk aħna* ***midfunin miegħu bil-magħmudija fil-mewt****; biex bħalma Kristu qam mill-imwiet bil-glorja tal-Missier,* ***hekk ukoll aħna nimxu fit-tiġdid tal-ħajja****.* [5]*Għax jekk* ***sirna ħaġa waħda miegħu fix-xebħ tal-mewt tiegħu, hekk ukoll inkunu fix-xebħ tal-qawmien tiegħu****.* [6]*Billi tafu dan: Li l-bniedem qadim tagħna kien mislub miegħu,* ***biex il-ġisem tad-dnub jinqered, biex ma naqdux aktar lid-dnub;*** [7]***Għax min miet hu meħlus mid-dnub****.* [8]*Issa jekk aħna mejtin ma' Kristu, nemmnu li għad ngħixu wkoll miegħu.*"

g. **1 Pietru 3:21** – "[21]***Dan l-ilma kien ifisser il-magħmudija, li issa ssalva lilkom ukoll****. Mhux għax tnaddaf il-ħmieġ tal-ġisem, imma għax hi talba lil Alla ħierġa min kuxjenza safja bis-saħħa tal-qawmien ta' Ġesù Kristu.*"

Dan huwa l-UNIKU pjan mgħallem fil-Bibbja li bih persuna hija salvata mid-dnubiet tagħha tal-passat.

## DENOMINAZZJONALIŻMU HUWA MIDNEB GĦALIEX DAN JIFRED ID-DAR

Alla għamel lil Adam u lil Eva fil-bidu. Hu għamilhom biex ikunu r-raġel u martu. Hu ddigrieta d-dar (familja) bħala istituzzjoni divina. Din kompliet li tkun hekk matul l-istorja jemmen x'jemmen il-bniedem. Kien hemm dawk li fittxew biex jeqirdu l-familja, ukoll kif hemm dawk illum li jfittxu biex jagħmlu hekk. Huma jfallu għaliex Alla kien li fassal id-dar u l-familja.

Ġesù qali li: "*…Ma qrajtux, li dak li mill-bidu ħalaqhom għamilhom raġel u mara?* [5]*U qalilhom: Minħabba f'hekk raġel iħalli lil missieru u lil ommu, u jingħaqad ma' martu: u t-tnejn isiru ġisem wieħed.* [6]*Għalhekk mhumiex iżjed tnejn, iżda ġisem wieħed.* ***Dak mela li Alla għaqqad flimkien, ħa ma jifridx il-bniedem***" (Mattew 19:4-6).

Denominazzjonaliżmu jifred id-dar u l-familja. Spiss, ir-raġel u martu huma mifruda reliġjożament. Ir-raġel imur triq waħda u martu tmur oħra. Qatt

m'għandu jkun hemm diviżjoni fuq is-servizz lejn Kristu. Għandu jkun hemm paċi u armonija fid-dar. Alla waqqaf id-dar u din m'għandix tkun maqsuma. Għajb għal dawk li jaqsmu l-familja permezz tad-denominazzjonijiet. Il-Mulej qal li kien se jibni l-knisja Tiegħu u ***dik biss***. Li kieku aħna lkoll qegħdin membri fil-knisja Tiegħu li Hu qal li kien se jibni u mhux f'xi waħda minn dawn il-ħafna denominazzjonijiet moderni kieku żgur li nogħġbuh f'dak kollu li nagħmlu! Li kieku biss dawk il-mexxejja denominazzjonali jaħsbu ftit x'hemm lest għalihom talli qegħdin joħolqu dawn il-firdiet kollha billi jippreferu li jwarrbu l-isem tal-Mulej mill-knisja Tiegħu, jiġifieri, il-knisja ta' Kristu, u jaċċettaw u jiddefendu isem denominazzjonali!

## DENOMINAZZJONALIŻMU HUWA MIDNEB GĦALIEX DAN JIKKAWŻA ERWIEĦ LI JINTILFU

Ġesù Kristu huwa s-Salvatur. Hu jsejjaħ liln-nies kollha biex jiġu Għandu. Billi Hu Divinità, Hu qiegħed fi skop u għan wieħed ma' Alla l-Missier u Alla l-Ispirtu s-Santu. Hu qiegħed f'armonija u għaqda mad-Divinità. Hemm għaqda perfetta bejniethom. Denominazzjonaliżmu min-naħa l-oħra huwa diviżjoni kostanti. Dik hija sewwasew in-natura tad-denominazzjonaliżmu. Dan jikkontradixxi dak kollu li Ġesù huwa, jitqabad għal u jieqaf kontra tiegħu.

Ġesù jsejjaħ lin-nies flimkien, id-denominazzjonaliżmu jifridhom. (Huma jgħidu lid-denominazzjonijiet kollha flimkien huma l-knisja ta' Kristu – din hija dagħwa kbira għaliex b'hekk qegħdin igħidu li Kristu u l-Missier mhux tassew huma ħaġa waħda, huma jgħidu li ***ma jaqblux*** bejniethom. Ġwanni 17:21-23.)

Ġesù jsejjaħ għan-nies biex jiġu Għandu waqt lid-denominazzjonaliżmu jsej-ħilhom biex jitbiegħdu Minnu.

Ġesù jsejjaħ lin-nies għall-"*ġisem wieħed*" u d-denominazzjonaliżmu jsejħilhom għal "ħafna iġsma."

Ġesù jsejjaħ lin-nies għal "*l-Ispirtu Wieħed*" u d-denominazzjonaliżmu jsej-ħilhom għal "ħafna spirti."

Ġesù jsejjaħ lin-nies għat-"*tama l-waħda*" u d-denominazzjonaliżmu jseħilhom għal "ħafna tamiet."

Ġesù jsejjaħ lin-nies għall-"*Mulej wieħed*" u d-denominazzjonaliżmu jsejħilhom għal "ħafna mulejjiet."

Ġesù jsejjaħ lin-nies għall-"*fidi waħda*" u d-denominazzjonaliżmu jsejħilhom għal "aktar minn fidi waħda."

Ġesù jsejjaħ lin-nies għall-"*magħmudija waħda*" u d-denominazzjonaliżmu jsejħilhom għal "ħafna magħmudijiet."

Ġesù jsejjaħ lin-nies għal "*Alla wieħed*" u d-denominazzjonaliżmu jsejħilhom għal "ħafna allat."

## DENOMINAZZJONALIŻMU HUWA MIDNEB GĦALIEX HUWA KUNTRARJU GĦALL-WEGĦDA TA' KRISTU

Ġesù wiegħed, "*Jiena nibni l-knisja tiegħi*" (Mattew 16:18). Hu ma qalx li Hu kien se jibni "knejjes" – plural. Hu ma qalx li Jiena se nagħmilha biex in-

nies ikollhom għażla. Id-denominazzjonaliżmu dak li jagħmel, imma Ġesù dan ma jagħmlux.

Ġesù wiegħed, biex iġib l-għaqda (Ġwanni 17:20). Id-denominazzjonaliżmu jġib diviżjoni, firda.

Ġesù wiegħed li jsalva n-nies Tiegħu minn dnubiethom (Mattew 1:21). Id-denominazzjonaliżmu jwiegħed, imma ma jistax iwettaq.

## KONKLUŻJONI

Għaliex ma toqgħodx għal l-awtorità ta' Kristu? Għaliex tkun parti ta' xi ħaġa li int ma tistax taqra dwarha fit-Testment il-Ġdid? ***Għaliex timxi wara l-bnedmin minflok wara Alla?***

F'dak l-aħħar jum Kbir, il-jum tal-ġudizzju, ma tridx int li tisma' lill-Mulej igħid, "*…'Ejjew, imberkin minn Missieri, ħudu b'wirt tagħkom is-Saltna li thejjiet għalikom sa mis-sisien tad-dinja.*" (Mattew 25:34).

***L-uniku mod li aħna nkunu nistgħu nisimgħu dak il-kliem huwa li nobdu lill-Mulej ISSA. Tinsab lest int li tagħmel dan? (Atti 5:29).***